IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2015

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2015 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:45 a.m. |

WIEĠEB IT-TAQSIMIET KOLLHA TAL-KARTA.
IKTEB B'MALTI TAJJEB U IDJOMATIKU.

## L-EWWEL TAQSIMA (25 marka)

### Il-Komponiment

*Ikteb* ***madwar 350 kelma*** *fuq* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti:*

1. Il-kompjuter. Kif tkun ħajti mingħajru?
2. Id-dar tan-nanna.
3. Ikteb rakkont li jibda: *Ma kienx għad fadal ħlief borġ ġebel u skiet taqtgħu b'sikkina.*
4. Il-flus.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA** **(22 marka)**

**A. Fehim it-Test**

*Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.*

Wisq huma dawk il-Maltin li ma jafu xejn dwar il-flora tagħna. Il-biċċa l-kbira tan-nies jafu xi ħaġa dwar fjuri u ħxejjex, imma jinteressawhom biss dawk ikkultivati jew li għandhom xi użu dirett għall-ikel jew skopijiet oħra. Anzi aktar nisimgħu l-espressjoni "ħaxix ħażin" meta xi ħadd jitkellem dwar il-ħxejjex slavaġ. Meta jsir xi tindif ġenerali kważi kulħadd jinfexx fil-ħxejjex slavaġ, bħallikieku dawn huma għedewwa tagħna.

Fin-natura ħaxix ħażin tabilħaqq ma jeżistix. Meta bdew jużaw il-kliem "ħaxix ħażin" il-Maltin tal-bidu kellhom f'moħħhom dawk il-ħxejjex slavaġ li jikbrulhom fl-għalqa u jikkompetu maż-żriegħ u l-uċuħ tagħhom, u biex jirnexxilhom jgħixu fuq il-prodotti tagħhom bilfors kellhom ifittxu li jeliminawhom. Imma wara kollox ta' min jifhem li kien il-bniedem li ħa l-art li fuqha fil-bidu kien hemm il-ħxejjex slavaġ, u mhux bil-maqlub.

Irridu nagħmlu enfasi li l-bażi tal-ħajja fuq l-art hija l-pjanti, jew fi kliem ieħor il-veġetazzjoni jew flora. Il-ħxejjex slavaġ mhumiex biss il-pjanti ċkejknin imma wkoll is-siġar, li f'bosta artijiet tad-dinja jiffurmaw foresti u ġungla b'dak kollu li hemm fihom. L-annimali kollha tad-dinja flimkien mal-bniedem jiddependu mill-veġetazzjoni għall-għajxien tagħhom. L-ikel tagħna huwa veġetali, u jekk nieklu l-laħam dan ikun ġej minn annimali erbivori u veġetarjani. Jekk jispiċċaw il-ħxejjex jispiċċaw ukoll l-annimali.

Mhux biss, imma l-ħxejjex li jħaddru mal-kampanja u fl-imsaġar tad-dinja għandhom funzjoni vitali għax jipprovdulna l-ossiġnu li għandna bżonn għall-enerġija tagħna, waqt li fl-istess ħin jieħdu mill-arja d-dijossidu tal-karbonju *(carbon dioxide)* li huwa gass li aħna m'għandniex bżonnu, imma li l-pjanti jikkumbinawh mal-ilma u jibdluh f'ikel għalihom u għall-ħlejjaq l-oħrajn kollha.

Il-qerda ta' bosta siġar u foresti bl-addoċċ, il-ħruq ta' faħam u żjut li darba kienu ħxejjex jew prodotti minn organiżmi li jgħixu mill-ħxejjex, il-qerda bla ħsieb tal-veġetazzjoni u l-flora ta' bosta nħawi tad-dinja, inklużi l-Gżejjer Maltin, qed inaqqsu l-bażi li fuqha tiddependi l-ħajja kollha tad-dinja.

Il-bniedem qed jakkumula ħafna prodotti ta' tniġġis tal-atmosfera li ġa qed naraw l-effetti globali tagħhom u bosta affarijiet li qabel kienu fertili issa saru deżerti u l-abitanti qed imutu bil-ġuħ. Ftit ftit il-bniedem qed jeqred id-dinja b'rata aktar mgħaġġla milli n-natura tista' tirkupra u fl-aħħar mill-aħħar il-bniedem se jaħsad dak li jkun żera'.

Għalkemm Malta hija ċkejkna xorta waħda tifforma parti mid-dinja u aħna għandna nedukaw lill-poplu tagħna dwar l-importanza tal-flora u l-fawna bħala parti miċ-ċiklu tan-natura u napprezzawha bħala wirt naturali l-istess kif napprezzaw il-wirt arkitettoniku, artistiku, u l-kumplament. Iżda biex ħaġa napprezzawha l-ewwel hemm bżonn li nifhmuha billi nitgħallmu dwarha.

*Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt.*

**1.** Agħżel it-tajba minn dawn:

**a.** Il-biċċa l-kbira tal-Maltin tinteressahom ħafna l-flora tagħna.
**b.** Il-biċċa l-kbira tal-Maltin ma jinteressahomx mill-fjuri u l-ħxejjex ikkultivati.
**ċ.** Il-biċċa l-kbira tal-Maltin jinteressahom biss dwar il-ħxejjex ikkultivati u li huma tajbin għall-ikel.
**d.** Il-biċċa l-kbira tal-Maltin jinteressawhom il-ħxejjex slavaġ u kkultivati.

**2.** Għal xiex kienu qed jirreferu l-Maltin tal-bidu bil-kliem "ħaxix ħażin"?

**3.** Veru li l-ħajja tal-bniedem u l-annimal tiddependi mill-pjanti? Kif taf?

**4.** X'inhi l-funzjoni vitali li għandhom l-imsaġar fid-dinja?

**5.** Għid kif, skont il-kittieb, il-Gżejjer Maltin qed iħallu effett negattiv fuq id-dinja.

**6.** X'inhu l-messaġġ prinċipali li l-kittieb irid iwassal lill-poplu Malti f'din il-kitba?

(2 marki kull waħda = 12-il marka)

## B. Għarfien il-Lingwa

**1.** *Agħti **kelma oħra** għall-kliem li għandu sing taħtu skont it-tifsira tiegħu fis-silta.*

Mhux biss, imma l-ħxejjex li jħaddru mal-kampanja u fl-<u>imsaġar</u> tad-dinja għandhom funzjoni vitali għax <u>jipprovdulna</u> l-ossiġnu li għandna bżonn għall-enerġija tagħna, waqt li fl-istess ħin jieħdu mill-arja d-dijossidu tal-karbonju *(carbon dioxide)* li huwa gass li aħna m'għandniex bżonnu, imma li l-pjanti <u>jikkumbinawh</u> mal-ilma u jibdluh f'ikel għalihom u għall-<u>ħlejjaq</u> l-oħrajn kollha.

(marka kull waħda = 4 marki)

**2.** *Sib u ikteb frażi li tfisser:*

a. annimali li jieklu ħaxix biss (*mit-tielet paragrafu*)
b. impatt fuq id-dinja kollha (*mis-sitt paragrafu*)

(2 marki kull waħda = 4 marki)

**3.** *Liema hi s-sentenza minn paragrafu 6 li turi li l-bniedem ikollu jbati l-konsegwenzi ta' dak li għamel ?*

(2 marki)

**IT-TIELET TAQSIMA** **(14-il marka)**

**Il-Grammatika**

*Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:*

Il-ktieb huwa maħżen ta' għerf. Il-bniedem ħoloq il-ktieb żmien ilu, sewwasew biex jiġbor kulma għandu bżonn ikun jaf u biex ikun jista' jiftakar dak kollu li hu jixtieq li ma jinsiex. Mela l-ktieb jibqa' dejjem l-aqwa invenzjoni tal-bniedem. Ktieb tajjeb huwa r-riżultat ta' ħafna snin ta' studju u ħsieb, b'ideat maħsubin u mfissrin bil-għaqal. Għalhekk post il-ktieb huwa wkoll fid-dar u kull familja għandu jkollha librerija b'ġabra ta' kotba li jinżammu b'għożża, b'rispett, u b'apprezzament biex jinqraw minn żmien għal ieħor.

1. Agħti l-plural ta' ħsieb.
2. Mis-silta sib u ikteb verb trilitteru sħiħ.
3. Mis-silta sib u ikteb nom mimmat.
4. Aqleb il-verb b'linja taħtu fil-plural: *Mela l-ktieb jibqa' dejjem l-aqwa invenzjoni tal-bniedem.* Mela l-kotba .........
5. Oħroġ nom ieħor minn għerf.
6. Mis-silta sib u ikteb aġġettiv fis-superlattiv.
7. Mis-silta sib u ikteb frażi li qiegħda fl-istat kostrutt.
8. Mis-silta sib u ikteb verb li qiegħed fit-tmien forma.
9. Oħroġ verb minn rispett.
10. Oħroġ aġġettiv minn għożża.
11. Agħti z-zokk morfemiku ta' studju.
12. Agħti l-għerq ta' jinsiex.
13. Mis-silta sib u ikteb partiċipju passiv.
14. Mis-silta sib u ikteb verb trux.

(marka kull waħda = 14-il marka)

**IR-RABA' TAQSIMA** **(12-il marka)**

**Ir-Rapport**

*Ikteb* ***madwar 80 kelma*** *fuq* ***wieħed*** *mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. Jekk ser tuża ismijiet ara li jkunu fittizji.*

**a.** Il-kunsill lokali tar-raħal/belt tiegħek jixtieq li fil-magażin tiegħu jippubblika rapport dwar attività li wettaq. Ikteb dan ir-rapport. Tinsiex issemmi l-fatti u d-dettalji.

*Jew*

**b.** Minn fuq il-bejt tad-dar tiegħek tista' tara razzett fejn l-annimali mhux qed jinżammu f'kundizzjonijiet xierqa. Ikteb rapport dwar dan lill-*Għaqda Nħarsu l-Annimali* li taħdem favur id-drittijiet tal-annimali. Tinsiex issemmi l-fatti u d-dettalji.

**IL-ĦAMES TAQSIMA** **(12-il marka)**

**L-Ittra**

*Ikteb* ***madwar 80 kelma*** *fuq* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti. Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.*

**a.** Qiegħed/qiegħda tinnota li fil-belt jew raħal fejn toqgħod hemm nuqqas ta' sinjali tat-traffiku. Ikteb lis-Sindku dwar dan u indikalu x'jista' jsir u fejn jistgħu jitwaħħlu.

Ismek: Julian / Julia Sammut
L-indirizz tiegħek: 80, Triq Dun Karm Psaila, Ħal Dwin, DWN 1365.
L-Indirizz tal-Kunsill Lokali: 30, Triq il-Parroċċa, Ħal Dwin, DWN 1365.

*Jew*

**b.** Ikteb ittra elettronika lill-ħabib/a tiegħek li fiha tħabbarlu/tħabbrilha li se jkollok tħalli Malta għal xi xhur. Tinsiex tuża l-format tal-ittra elettronika (skont il-kaxxa hawn taħt).

Ismek: Julian / Julia Sammut
L-indirizz elettroniku tiegħek: jul@stud.mt
L-indirizz elettroniku tal-ħabib/a: mar@stud.mt

Lil:
Mingħand:
Data:
Suġġett:

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2015

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II A |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2015 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m. |

WIEĠEB IT-TAQSIMIET KOLLHA TAL-KARTA.
IKTEB B'MALTI TAJJEB U IDJOMATIKU.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## L-EWWEL TAQSIMA

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Poeżija** **(20 marka)**

Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).

**A.** Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Refuġjata* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Refuġjata*** Mario Azzopardi

Il-mara tat-tined
dik li f'idejha toħlom żerriegħa
dik li l-jiem tagħha
lkoll
eklissati
dik li tittama fis-siġar taż-żebbuġ
u ważi
fejn tħobb lil Samih tagħha
xi darba
meta f'Jenin u Hebron u Kafir
jieqfu l-interrogatorji
jieqfu t-torturi
l-massakri tal-għasafar
tal-irġiel.

Wieġeb:

1. Ikteb dwar il-kuntrast ewlieni li joħroġ minn din l-istrofa tal-poeżija *Refuġjata.* **4 marki**

2. Mis-silta islet tliet kelmiet li jagħtu idea ta' vjolenza. **3 marki**

3. a) Ikteb dwar il-vers li qed iħaddem il-poeta f'din il-poeżija. **marka**

   b) Kif torbot din l-għamla ta' vers mat-tema? **3 marki**

4. Minkejja dak li jingħad f'din l-istrofa, fil-kumplament tal-poeżija x'temmen din il-mara tat-tined? **5 marki**

5. a) X'figura tat-taħdit insibu fl-espressjoni *"l-jiem tagħha lkoll eklissati"*? **marka**

   b) X'effett irid joħloq il-poeta b'din il-figura tat-taħdit? **3 marki**

**Jew**

**B.** Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Jum San Valentin* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Jum San Valentin*** Maria Grech Ganado

X'inhi l-kelma qed tirtogħod
hemm fuq ix-xefaq ta' dan il-jum?
Mhijiex ballun, ħafif u lest
għal-logħob. Pjuttost xi balla
li din l-għodwa qiegħda tistenna
l-kanun ta' ħalqi, lil qalbi
mkebbsa b'rabja liema bħalha –
tistenna l-isfog.

Mela llum sejra npittirlek
kartolina, u nħażżiżilha
l-kuluri li jixirqulha:
iswed duħħan bħal moħħi
aħmar nar bħal demmi jbaqbaq –

ja traditur
ma xbajtx tirriġettani minn ġo
ħajtek!

Ħa mela ilqa' u ibla'
dil-balla li rrid naqla' jien
minn fuq l-istonku.

Wieġeb:

1. L-isem tal-poeżija *Jum San Valentin* huwa ironiku. Fisser għaliex. **4 marki**

2. X'inhu t-ton tal-poetessa, speċjalment fl-aħħar strofa tas-silta? Għaliex tużah? **3 marki**

3. a) X'figura tat-taħdit insibu fil-kelmiet *"ballun"* u *"balla"* fl-ewwel strofa? **marka**

   b) Fisser l-effett li toħloq il-poetessa bil-kuntrast ta' bejniethom. **4 marki**

4. X'inhu l-vers li qed tħaddem il-poetessa? Orbtu mat-tema. **4 marki**

5. Kif tidħol il-bqija ta' din il-poeżija fil-ħsieb ta' din is-silta? **4 marki**

## IT-TIENI TAQSIMA

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Proża** **(20 marka)**

Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).

**A.** Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Aqrali xi Ħaġa Ġdida, Qaltilha*** Clare Azzopardi

Telgħet fuq ħdejn ommha fis-sodda. Missierha fuq is-sufan. Tgħid anki hu kien qed jistenna storja ġdida? Riedet tgħidilha ħafna affarijiet dakinhar Lina. Minflok, poġġiet f'tarf is-sodda u bdiet tnewlilha l-kotba ċkejkna. Kull wieħed kellu fih poeżija twila jew inkella tnejn qosra. Kien hemm minnhom kellhom novella jew tnejn. Kull ktejjeb li Lina tnewwel lil ommha, Stella tirrakkonta storja. Tirrakkonta l-istorja ta' kif in-nisa, bħall-irġiel, ukoll kienu jġibu l-manuskritti tagħhom, tirrakkonta l-istorja ta' Maurice li dejjem irrifjuta lin-nisa. Tirrakkonta l-mod kif kienet tiltaqa' man-nisa bil-moħbi u żżomm xogħolhom hi. Kien hemm ħmistax-il mara b'kollox. Maurice ma jlissinx kelma. Stella tirrakkonta fejn qrat kull poeżija, kull novella li ġabulha, kif għażlet 45 xogħol differenti, kif ħbiethom minn Maurice, kif ikkomponiethom waħedha billejl, taqbad ittra ittra sa ma tibni vers, tkompli vers vers sa ma tibni paġna ... Stella tirrakkonta kif ħitithom, kif waħħlitilhom il-garża mal-ispina, kif inkullat il-qoxra blu, kif beżgħet ....

Biancardi, De Caro, Mejlak, Psaila, Bajada, Gatt, Apap, Caruana, Delia, Briffa, Aquilina, Hampton, Azzopardi, Pisani, Chetcuti. Għal ħamsa u erbgħin ġurnata Stella u Maurice semgħu storja jew poeżija ġdida. Waħda kuljum. Sa fl-aħħar anki hi kienet semgħet storja ġdida. Lina qrathom fl-ordni li tatha ommha. Ma semgħetx dak li dejjem ħolmot dwaru. Ma ħassithomx jimpressjonawha. Wara ħamsa u erbgħin jum, b'idha l-leminija f'id bintha, u bl-oħra żżomm l-aħħar ktejjeb, Stella għalqet għajnejha u straħet. Missierha baqa' mleflef sewwa fil-kutra qisu munzell tiben f'rokna jistenna sulfarina taqbad ħdejh. Forsi talab it-talba tal-maħfra mill-ktieb tat-*Talb u Kant Sagru Għal Ħajja Kattolika Aħjar*, jew forsi kkonferma dak li dejjem emmen fih.

Wieġeb:

1. a) X'figura tat-taħdit qed tħaddem l-awtriċi fis-sentenza, *"Stella għalqet għajnejha u straħet"*? **marka**

   b) Fissirha u għid x'effett toħloq biha l-awtriċi. **4 marki**

2. Mit-tliet karattri li niltaqgħu magħhom f'din is-silta, liema tħoss li hu l-aktar importanti? Għid għaliex. **1 + 4 marki**

3. Minn dak li naqraw f'din is-silta u fil-kumplament tan-novella, x'kien l-effett li kellhom dawn il-kitbiet fuq Lina? **5 marki**

4. a) X'effett toħloq l-awtriċi meta tispiċċa l-ewwel paragrafu tas-silta bil-puntini: *"kif beżgħet...."*? **3 marki**

   b) X'kienet il-biża' tagħha? **2 marki**

**Jew**

**B.** Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Jacqueline*** Pierre J. Meilak

"Pizza? U t-tadam? U, Mario, id-*derby*?!"

Għax Mario mhux biss kien allerġiku għat-tadam u għal kull forma ta' zlazi bi ħjiel ta' tadama, imma fil-fixla ta' dik l-għodwa kien nesa kompletament id-*derby* deċiżiv tal-Madonnina. Numru tat-telefown ta' Jacqueline ma kellux. Fejn toqgħod preċiż lanqas kien jaf u taċ-ċajt iħalliha tistenna fil-pjazza. X'kien se jagħmel meta jerġa' jaraha? Jipprova jevita l-pjazza għal ftit xhur imbagħad meta jaraha taparsi ma rahiex? Jilgħabha li nesa kollox? Le. Għandu 27. Jinsa d-*derby* u jiċċekkja waħda l-menù ta' Angelito.

Dik il-lejla stess telqilha lejn ir-restorant. Ipparkja fit-tarf tat-triq u kien għoddu wasal quddiemu meta għadda minn fejn il-vann tal-pastizzi – li bħal kull nhar ta' Ħadd kien armat hemm – u ħa pjaċir ixomm ir-riħa tal-pastizzi, li min jaf kemm kienu jqarmċu. U ħa gost bis-sħana ħierġa mill-forn kollu tilari suwed fuq xulxin. U anke l-ħoss tal-boroż iħaxwxu dak il-ħin bħal wennsu. U xxennaq għal tfajla sempliċi, li tikkuntenta ruħha bi tliet pastizzi, u li b'ħeġġa tfakkar lil seħibha li dalwaqt jibda d-*derby*. U f'dak il-mument preċiż għaddielu ħsieb.

Wieġeb:

1. a) F'liema stat jinsab Mario fil-bidu tas-silta meta fl-ewwel vers isaqsi tliet mistoqsijiet lilu nnifsu? **2 marki**
   b) Dan l-istat ġie minn dik li hu, ftit qabel, sejħilha "missila". Għaliex juża l-paragun tal-missila? **2 marki**

2. a) *"Għandu 27."* Għal liema raġuni Mario qed jagħti importanza lill-età tiegħu? **2 marki**
   b) X'juru l-mistoqsijiet li hemm fil-versi 6 u 7? **3 marki**

3. a) Semmi żewġ karatteristiċi fil-karattru ta' Mario li nsiru nafu bihom permezz ta' din is-silta, u għid għaliex. **4 marki**
   b) Fil-bqija tal-istorja naraw li Jacqueline għandha karattru ftit differenti minn ta' Mario kif jidher f'din is-silta. Semmi differenza waħda bejniethom. **2 marki**

4. Mis-silta sib onomatopea, iktibha, u fisser l-effett li joħloq biha n-narratur. **5 marki**

## IT-TIELET TAQSIMA

**Il-Komponimenti Letterarji:** ***Bejn Ħaltejn*** **(barra** ***Il-Ħarsa ta' Rużann*****)**
**(15-il marka l-wieħed = 30 marka)**

Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet u ikteb komponiment ta' **madwar 200 kelma** l-wieħed. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.

1. Ikkummenta dwar l-emozzjonijiet differenti li huma murija fil-poeżiji *Niftakar* ta' Anton Buttigieg u *Katrin tal-Imdina* ta' Dwardu Cachia.

2. Ikkummenta dwar ir-referenzi li jsiru dwar il-politikanti kif naqraw fin-novelli *Xtara l-Ħut fil-Baħar* ta' Laurence Mizzi u *Ċensina* ta' Lino Spiteri.

3. Iddiskuti xi problemi soċjali li jiktbu dwarhom Oliver Friggieri fin-novella *Il-Koranta* u Vincent Vella fin-novella *Bl-Irħis.*

## IR-RABA' TAQSIMA

**Il-Komponiment Letterarju:** ***Il-Ħarsa ta' Rużann*** **ta' Francis Ebejer** **(30 marka)**

Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' **madwar 400 kelma**. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.

1. Minkejja li jgħaddu ħafna snin, Rużann tibqa' dejjem preżenti fir-rumanzett. Ikteb dwar dan l-argument biex tfisser l-importanza tal-karattru ta' Rużann.

**Jew**

2. Għalkemm fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* tissemma l-familja nobbli de los Ingallos, Francis Ebejer jagħti iktar importanza lill-klassi l-baxxa fir-rumanzett. Ikteb dwar ir-raġuni għal dan il-fatt.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2015

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II B |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2015 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m. |

WIEĠEB IT-TAQSIMIET KOLLHA TAL-KARTA.
IKTEB B'MALTI TAJJEB U IDJOMATIKU.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## L-EWWEL TAQSIMA

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Poeżija** **(20 marka)**

Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).

**A.** Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Refuġjata* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Refuġjata*** Mario Azzopardi

Il-mara tat-tined
dik li f'idejha toħlom żerriegħa
dik li l-jiem tagħha
lkoll
eklissati
dik li tittama fis-siġar taż-żebbuġ
u ważi
fejn tħobb lil Samih tagħha
xi darba
meta f'Jenin u Hebron u Kafir
jieqfu l-interrogatorji
jieqfu t-torturi
l-massakri tal-għasafar
tal-irġiel.

Wieġeb:

1. a) X'figura tat-taħdit hija *"tittama fis-siġar taż-żebbuġ"*? **marka**
   b) X'effett irid joħloq il-poeta b'din il-figura tat-taħdit? **4 marki**

2. a) X'vers qed iħaddem il-poeta f'din il-poeżija? **marka**
   b) X'karatteristiċi għandu dan il-vers? **4 marki**

3. a) Għaliex jisimha *Refuġjata* din il-poeżija? **4 marki**
   b) Islet vers mill-poeżija li jintrabat perfettament mal-isem tal-poeżija. **marka**

4. Islet vers mill-poeżija li bih Mario Azzopardi jrid jifhem kemm hu importanti l-valur tal-familja. **4 marki**

5. F'din l-istrofa l-mara tinsab (agħżel waħda): **marka**
   (i) waħedha fit-tinda.
   (ii) taqta' ż-żebbuġ mis-siġar.
   (iii) flimkien ma' Samih.
   (iv) ġewwa ważi.

**Jew**

**B.** Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Jum San Valentin* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Jum San Valentin*** Maria Grech Ganado

X'inhi l-kelma qed tirtogħod
hemm fuq ix-xefaq ta' dan il-jum?
Mhijiex ballun, ħafif u lest
għal-logħob. Pjuttost xi balla
li din l-għodwa qiegħda tistenna
l-kanun ta' ħalqi, lil qalbi
mkebbsa b'rabja liema bħalha –
tistenna l-isfog.

Mela llum sejra npittirlek
kartolina, u nħażżiżilha
l-kuluri li jixirqulha:
iswed duħħan bħal moħħi
aħmar nar bħal demmi jbaqbaq –

ja traditur
ma xbajtx tirriġettani minn ġo
ħajtek!

Ħa mela ilqa' u ibla'
dil-balla li rrid naqla' jien
minn fuq l-istonku.

Wieġeb:

1. Fisser ir-referenza li tagħmel il-poetessa għall-"kartolina" fit-tieni strofa. **4 marki**

2. a) X'figura tat-taħdit hija *"l-kanun ta' ħalqi"*? **marka**
   b) X'effett qed toħloq il-poetessa b'din il-figura tat-taħdit? **4 marki**

3. a) X'inhu l-vers li qed tħaddem il-poetessa? **marka**
   b) Fissru fi ftit kliem. **4 marki**

4. F'din il-poeżija, il-poetessa hija (agħżel waħda): **marka**
   (i) kalma.
   (ii) irrabjata.
   (iii) burdata tajba.
   (iv) medhija bix-xogħol.

5. a) Lil min qiegħda tindirizza l-poetessa? **marka**
   b) X'effett għandha t-tagħjira li tagħtih meta mqabbla mat-titlu? **4 marki**

## IT-TIENI TAQSIMA

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Proża** **(20 marka)**

Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).

**A.** Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

*Aqrali xi Ħaġa Ġdida, Qaltilha* Clare Azzopardi

Telgħet fuq ħdejn ommha fis-sodda. Missierha fuq is-sufan. Tgħid anki hu kien qed jistenna storja ġdida? Riedet tgħidilha ħafna affarijiet dakinhar Lina. Minflok, poġġiet f'tarf is-sodda u bdiet tnewlilha l-kotba ċkejkna. Kull wieħed kellu fih poeżija twila jew inkella tnejn qosra. Kien hemm minnhom kellhom novella jew tnejn. Kull ktejjeb li Lina tnewwel lil ommha, Stella tirrakkonta storja. Tirrakkonta l-istorja ta' kif in-nisa, bħall-irġiel, ukoll kienu jġibu l-manuskritti tagħhom, tirrakkonta l-istorja ta' Maurice li dejjem irrifjuta lin-nisa. Tirrakkonta l-mod kif kienet tiltaqa' man-nisa bil-moħbi u żżomm xogħolhom hi. Kien hemm ħmistax-il mara b'kollox. Maurice ma jlissinx kelma. Stella tirrakkonta fejn qrat kull poeżija, kull novella li ġabulha, kif għażlet 45 xogħol differenti, kif ħbiethom minn Maurice, kif ikkomponiethom waħedha billejl, taqbad ittra ittra sa ma tibni vers, tkompli vers vers sa ma tibni paġna ... Stella tirrakkonta kif ħitithom, kif waħħlitilhom il-garża mal-ispina, kif inkullat il-qoxra blu, kif beżgħet ....

Biancardi, De Caro, Mejlak, Psaila, Bajada, Gatt, Apap, Caruana, Delia, Briffa, Aquilina, Hampton, Azzopardi, Pisani, Chetcuti. Għal ħamsa u erbgħin ġurnata Stella u Maurice semgħu storja jew poeżija ġdida. Waħda kuljum. Sa fl-aħħar anki hi kienet semgħet storja ġdida. Lina qrathom fl-ordni li tatha ommha. Ma semgħetx dak li dejjem ħolmot dwaru. Ma ħassithomx jimpressjonawha. Wara ħamsa u erbgħin jum, b'idha l-leminija f'id bintha, u bl-oħra żżomm l-aħħar ktejjeb, Stella għalqet għajnejha u straħet. Missierha baqa' mleflef sewwa fil-kutra qisu munzell tiben f'rokna jistenna sulfarina taqbad ħdejh. Forsi talab it-talba tal-maħfra mill-ktieb tat-*Talb u Kant Sagru Għal Ħajja Kattolika Aħjar*, jew forsi kkonferma dak li dejjem emmen fih.

Wieġeb:

1. Fil-versi minn 4 sa 11 l-awtriċi tirrepeti bosta drabi il-kelmiet *tirrakkonta* u *kif*. X'effett toħloq b'din ir-repetizzjoni? **5 marki**

2. a) Islet parti mis-silta li permezz tagħha nifhmu li Maurice qatt ma ried jippubblika kotba miktubin minn nisa. **2 marki**
   b) Għaliex Stella kienet tirrakkonta storja fuq kull ktejjeb? **2 marki**

3. a) X'figura tat-taħdit hija *"qisu munzell tiben f'rokna"*? **marka**
   b) X'effett għandha fis-sentenza? **4 marki**

4. Ikteb dwar il-konflitt li nsibu f'din is-silta tan-novella bejn Stella u Lina fuq naħa u Maurice fuq in-naħa l-oħra. **5 marki**

5. Maurice kien (agħżel waħda): **marka**
   (i) awtur.
   (ii) lettur.
   (iii) stampatur.
   (iv) librar.

**Jew**

**B.** Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Jacqueline*** Pierre J. Meilak

"Pizza? U t-tadam? U, Mario, id-*derby*?!"

Għax Mario mhux biss kien allerġiku għat-tadam u għal kull forma ta' zlazi bi ħjiel ta' tadama, imma fil-fixla ta' dik l-għodwa kien nesa kompletament id-*derby* deċiżiv tal-Madonnina. Numru tat-telefown ta' Jacqueline ma kellux. Fejn toqgħod preċiż lanqas kien jaf u taċ-ċajt iħalliha tistenna fil-pjazza. X'kien se jagħmel meta jerġa' jaraha? J ipprova jevita l-pjazza għal ftit xhur imbagħad meta jaraha taparsi ma rahiex? Jilgħabha li nesa kollox? Le. Għandu 27. Jinsa d-*derby* u jiċċekkja waħda l-menù ta' Angelito.

Dik il-lejla stess telqilha lejn ir-restorant. Ipparkja fit-tarf tat-triq u kien għoddu wasal quddiemu meta għadda minn fejn il-vann tal-pastizzi – li bħal kull nhar ta' Ħadd kien armat hemm – u ħa pjaċir ixomm ir-riħa tal-pastizzi, li min jaf kemm kienu jqarmċu. U ħa gost bis-sħana ħierġa mill-forn kollu tilari suwed fuq xulxin. U anke l-ħoss tal-boroż iħaxwxu dak il-ħin bħal wennsu. U xxennaq għal tfajla sempliċi, li tikkuntenta ruħha bi tliet pastizzi, u li b'ħeġġa tfakkar lil seħibha li dalwaqt jibda d-*derby*. U f'dak il-mument preċiż għaddielu ħsieb.

Wieġeb:

1. a) X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-frażi, *"boroż iħaxwxu"*? **marka**
   b) Fisser l-effett li jinħoloq biha. **4 marki**

2. Semmi żewġ karatteristiċi fil-karattru ta' Mario li nsiru nafu bihom permezz ta' din is-silta, u għid għaliex għandu dawk il-karatteristiċi. **4 marki**

3. a) Mill-bqija tal-istorja, nistgħu ngħidu li Jacqueline ma kinitx tistħi? **marka**
   b) Għaliex? **4 marki**

4. a) Fil-versi 6 u 7 jistaqsi xi mistoqsijiet. Għaliex? **3 marki**
   b) Għaliex jgħidilna kemm għandu età? **2 marki**

5. Mario kapaċi jħaddem moħħu għax (agħżel waħda): **marka**
   (i) ipprefera jiekol il-pastizzi milli l-pizza.
   (ii) ħaseb biex jevita lil Jacqueline billi taparsi ma jarahiex.
   (iii) mar ħdejn ir-restorant qabel iltaqa' ma' Jacqueline.
   (iv) sab soluzzjoni kif jiltaqa' ma' Jacqueline u ma jitlifx id-*derby*.

## IT-TIELET TAQSIMA

**Il-Komponimenti Letterarji:** ***Bejn Ħaltejn*** **(barra** ***Il-Ħarsa ta' Rużann*****)** **(30 marka)**

Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' **madwar 200 kelma**. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.

1. L-imħabba tista' tkun espressa minn bniedem lejn ieħor, iżda tista' tkun espressa wkoll minn bniedem lejn annimal. Iddiskuti dan l-argument billi tirreferi għal mill-inqas żewġ poeżiji u/jew novelli.

**Jew**

2. Ikkummenta dwar il-memorji li għandhom ta' tfulithom il-karattri li niltaqgħu magħhom fil-poeżija *Geraldine* ta' Trevor Zahra u fin-novella *Bank* ta' Frans Sammut.

## IR-RABA' TAQSIMA

**Il-Komponiment Letterarju:** ***Il-Ħarsa ta' Rużann*** **ta' Francis Ebejer** **(30 marka)**

Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' **madwar 200 kelma**. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.

1. Taħseb li l-isem *Il-Ħarsa ta' Rużann* huwa addattat għall-ġrajja tar-rumanzett? Għid għaliex.

**Jew**

2. Ikteb dwar ir-relazzjoni li kellu Mark Antonin ma' Rużann, u ħu Mark Antonin ma' Marija, skont dak li naqraw fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer.